Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,754, 21 ta' Diċembru, 2021
Taqsima B

A.L. 480 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2021 tal-Kors għas-Certificate in ICT Foundation Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmulin mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2021 tal-Kors għas-Certificate in ICT Foundation Studies.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"is-Certificate" tfisser is-Certificate in ICT Foundation Studies; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in ICT Foundation Studies.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti jridu jkunu għalqu t-18-il sena fi żmien tliet xhur kalendarji mid-data li fiha jibdew il-Kors, u għandhom:

Verżjoni Elettronika

jew (a) kisbu minimu ta' 36 punt fl-eżamijiet bħala parti miċ-Ċertifikat tal-Matrikola u għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, fil-Malti u fil-Matematika;

jew (b) għandhom kwalifika fl-Livell 4 tal-QMK f'qasam tal-ICT, kif ukoll Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, fil-Malti u fil-Matematika.

(2) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jattendu għal intervista biex jiġi evalwat jekk għandhomx il-kapaċità meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) Il-bord tal-intervisti, li għandu jkun maħtur mill-Bord għal dan il-għan, għandu jkun magħmul tal-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' żewġ semestri ta' studju *full-time*, jew erba' semestri fuq studju *part-time*.

(2) Il-Bord tal-Istudji jista' jħalli studenti li ma jikkwalifikawx għas-Certificate jirrepetu l-Kors darba biss.

Il-Bord tal-Istudji

5. L-amministrazzjoni ġenerali tal-Kors għandha tkun fdata lill-Bord tal-Istudji, approvat mis-Senat.

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti minn għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjat total ta' 60 krettu ECTS.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun imfassal mill-Bord tal-Istudji u ppubblikat mill-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

L-Attendenza u l-Valutazzjoni

7. (1) Jekk mhux speċifikat fid-deskrizzjoni ta' taqsima studju, l-attendenza għal *lectures*, sessjonijiet tutorjali, *seminars*, sessjonijiet prattiċi jew xi sessjoni ta' tagħlim oħra ssir b'liema mod issir hija obbligatorja. Fuq bażi ta' evidenza dokumentata, lettur jista' ma jħallix student li jiġi evalwat f'taqsima studju jekk l-attendenza għat-taqsima studju ma tkunx sodisfaċenti.

(2) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

Verżjoni Elettronika

(3) L-istudenti li jeħlu f'taqsima studju ddikjarata bħala kumpensabbli fil-programm ta' studju, b'marka ta' mhux anqas minn 35% għandhom jingħataw il-grad ta' CP (għaddew b'kumpens) jekk il-Marka Medja tas-Sena tagħhom tkun għall-anqas 50%. L-istudenti ma jitħallewx joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li jgħaddu minnhom b'kumpens.

(4) L-istudenti ma jistgħux jgħaddu minn aktar minn 12-il krettu ECTS permezz ta' kumpens.

(5) Ir-riżultati għal valutazzjoni tat-taqsimiet studju għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fl-iskeda hawn taħt:

Medda tal-Marki	**Grad**
90% - 100%	A+
80% - 89%	A
75% - 79%	B+
70% - 74%	B
60% - 69%	C+
55% - 59%	C
50% - 54%	D+
45% - 49%	D
0% - 44%	F.

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom jinżammu fir-rekord akkademiku tal-istudent.

L-Għoti taċ-Ċertifikat

8. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fir-regolament 6.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

Il-Provvediment Ġenerali

10. Għal materji li m'hemmx provvedimenti dwarhom f'dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jkun iggwidat mill-provvedimenti tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019, ippubblikati bħala Avviż Legali 248 tal-2019, kif applikabbli.